

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata rigward il-proċedimenti ta' oppożizzjoni B 2 125 543 (applikazzjoni għal trade mark internazzjonali Nru IR 1 111 651);
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2016 – 1&1 Telecom vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-43/16)**

(2016/C 106/52)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: 1&1 Telecom GmbH (Montabaur, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J. Murach, lawyer u P. Alexiadis, solicitor)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tad-19 ta' Novembru 2015, adottata mid-direttur ġenerali tal-kompetizzjoni, marbuta mal-implementazzjoni ta' miżuri korrettivi mhux-ORM fil-Każ COMP/M.7018 – Telefónica Deutschland/E-Plus (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni ta' konċentrazzjoni”) li ddikjarat l-ittra ta' impenn volontarju b'mod konformi mal-impenji definittivi u mad-dritt tal-Unjoni;
- tordna li l-Kummissjoni teżiġi li Telefónica Deutschland tipproduċi ittra ġdida ta' impenn volontarju li tkun strettament limitata għall-obbligu li huwa impost fuqha skont il-punt 78 tal-impenji definittivi approvati mid-deċiżjoni ta' konċentrazzjoni;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk tar-rikorrenti, skont l-Artikolu 87 tal-verżjoni kkonsolidata tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. Fil-kuntest tal-ewwel motiv tagħha, ir-rikorrenti ssoċni li billi adottat id-deċiżjoni, il-Kummissjoni wettqet żbalji manifesti ta' liġi peress li la t-Trattati, la r-regolament tal-Unjoni Ewropea dwar il-konċentrazzjonijiet, la d-deċiżjoni ta' konċentrazzjoni u lanqas l-impenji definittivi ma jippermettu l-klawżola 2.3 tal-ittra ta' impenn volontarju kif aċċettata mid-deċiżjoni.
2. Fil-kuntest tal-ewwel motiv tagħha, ir-rikorrenti ssoċni li billi adottat id-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni wettqet abbuż ta' poter billi ħadet kont ta' kunsiderazzjonijiet estranji għall-kompetizzjoni, bi ksur tat-Trattati, tar-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet u tad-deċiżjoni ta' konċentrazzjoni.